**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 29 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 947/01 AE**

**Cycle World Limited**

**vs**

**Raymond D'Amato**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u hamsin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm859.44), rapprezentanti kwantu ghal sebgha mija u sbatax-il lira Maltija u wiehed u disghajn centezmu (Lm717.91) bilanc ta' prezz tal-mutur tal-ghamla Peugeot Speedfight bin-numru ta' registrazzjoni DBH-065

mibjugh lill-konvenut, u kwantu ghal mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm141.53) bhala spejjez u drittijiet professjonali.

Ra li l-konvenut notifikat bl-atti ma pprezentax risposta fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher fis-seduti tat-8 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Nicolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub huwa kollu dovut.

Skond l-Artikolu 13 tal-Kap. 380, meta l-konvenut jonqos li jidher, il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut.

B'riferenza ghas-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm141.53) li s-socjeta attrici qeghda titlob bhala hlas ta' *"spejjez u drittijiet professjonali"*, ma tressqux provi sodisfacenti li jistghu jwasslu lit-Tribunal sabiex jilqa' t-talba.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebgha mija u sbatax-il lira Maltija u wiehed u disghajn centezmu (Lm717.91) bilanc minn

somma akbar dovut bhala prezz ghall-bejgh u konsenja ta' mutur, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) ghandhom ikunu ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**